# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 517**

**Il-Ħamis 24 t'Ottubru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Vella - Kunsillier
Joseph Agius - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**517.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

517.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Patrick Barbara li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

517.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Agius fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Agius jkun skużat.

**517.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

517.2.1 Il-minuti tal-516 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjur Angelo Scicluna.

**517.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

517.3.1 Inqrat korrispondenza li s-Segretarju Eżekuttiv kitbet lis-Sindku u lill-Kunsillieri peress illi minħabba pressjoni u esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibbli għaliha li tagħmel użu sħiħ mill-*entitlement* tal-*vacation leave* tagħha u għalhekk talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iġedded 95 siegħa ta' *vacation leave* għas-sena 2020. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lid-Direttur għall-Gvern Lokali biex jagħti dan it-tiġdid.

517.3.2 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mingħand is-Sur Malcolm Schembri sabiex fl-okkażżjoni tal-għaxar snin mill-pubblikazzjoni 'Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar' tiġi ppubblikata edizzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi fil-passat il-Kunsill kien ippubblika l-ktieb *Zabbar - A Living History.* Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kellux stima ta' kemm kienet ser tiswa din il-pubblikazzjoni. Is-Sur Mark Grech qal illi l-istima sabiex jiġu stampati 500 kopja kienet tammonta għal madwar €2,500. Is-Sindku żied jgħid li kull ktieb kien ser ikun fih madwar 240 paġna. Is-Sur Buttigieg talab sabiex din l-edizzjoni tkun proprjetà tal-Kunsill f'każ li ssir bil-kollaborazzjoni mas-Sur Schembri. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas issuġġeriet li dan il-ktieb jinbiegħ għall-prezz ta' €5 sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-istampar. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma tittieħed deċiżjoni issir laqgħa mas-Sur Malcolm Schembri u jiġi diskuss l-ammont ta' kotba li għandhom jiġu stampati kif ukoll kemm minnhom kienu ser ikunu proprjetà tal-Kunsill.

517.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa tar-Reġjun kien ġie deċiż li nhar il-Ħadd 27 t'Ottubru, 2019 bejn il-ħdax ta' filgħodu u l-ħamsa ta' filgħaxija jiġi organizzat Suq Ekoloġiku f'Ħaż-Żabbar mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill. Is-

Sindku spjega li s-Suq Ekoloġiku huwa avveniment iffokat fuq is-Sostenibbiltà Ambjentali li jseħħ f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Is-Sindku żied jgħid li l-Ħadd filgħodu kien ser ikun hemm suq f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u li f'dan is-suq kien ser ikun hemm bosta bejjiegħa bi prodotti organiċi u b'servizzi ekoloġiċi nklużi artiġjani lokali.

517.3.4 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sinjura Anna Calleja daħlet għal-laqgħa.

517.3.5 Is-Sindku qal illi matul l-attività tas-Suq Ekoloġiku kien ser jiġi organizzat riċeviment fl-4.00 ta' filgħaxija fis-sala ir-Ragħaj it-Tajjeb. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk din l-attività kinitx ser tittella' fuq il-midja soċjali. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal illi l-organizzaturi kienu ser jibgħatu *poster* bid-dettalji tal-attività.

517.3.6 Is-Sindku rrefera għall-kors għall-ġenituri ta' tfal bejn 0-3 snin, kors li jagħti għajnuniet lill-ġenituri kif jistgħu jgħinu lill-uliedhom jiżviluppaw il-ħiliet lingwistiċi tagħhom. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza dan il-kors kull nhar ta' Sibt mid-9 ta' Novembru fil-bini tal-Kunsill.

517.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol relatat mal-proġett tal-*outdoor gym* fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi x-xogħol tal-konkos kien tlesta u żied jgħid li fil-jiem li ġejjin kien ser jinxtara *turf* sintetiku sabiex jitwaħħal taħt l-apparat.

517.3.8 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex issir *zebra crossing* fi Triq Wied il-Għajn, ftit 'l isfel mill-monument ta' Agatha Barbara. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lil Transport Malta għal *zebra crossing* fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa biex il-Kunsill jitlob il-parir ta' Transport Malta sabiex tirrakkomanda fejn l-aħjar li ssir iż-*zebra crossing*. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex issir konsultazzjoni mar-residenti.

517.3.9 Il-Viċi Sindku talbet sabiex issir *zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi tal-ispiżerija. Is-Sindku qal illi din iż-*zebra crossing* kienet ser tiġi nkluża mal-proġett ta' *resurfacing* ta' Triq ix-Xgħajra. Is-Sur Mark Grech qal illi fil-passat il-Kunsill preċedenti kien ipprova jagħmel *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-ispiżerija. Is-Sur Grech żied jgħid li ma kienx intlaħaq kompromess mar-residenti peress illi ried jiġi spustjat *bus shelter* biex issir din iz-*zebra crossing*.

517.3.10 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa f'hix kien wasal il-proċess għat-talba ta' *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-*ground* tas-St Patrick.

517.3.11 Is-Sindku rrefera għall-ilmenti li kienu qed jidhru fuq il-midja soċjali dwar il-bnadar li hemm mal-faċċata tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-bnadar

jitpoġġew fis-sular t'isfel u mal-ħajt titwaħħal plakka tixgħel bid-dawl bl-isem tal-Kunsill Lokali.

517.3.12 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu nstallati *cameras* tas-sigurta fuq dawn il-bnadar.

517.3.13 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali għall-fondi skont l-iskema SPI 11/2019 – Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja u qal illi l-Kunsill kien ser jingħata l-ammont ta' €314 sabiex jinxtara *aircondition.*

517.3.14 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa għall-*MOC Local Council Sports Awards* u bħala attivitajiet sportivi jsemmi t-*3K, 5K run,* il-pellegrinaġġ tar-roti, l-i*sports fest*, l-*outdoor gym* u l-5 *a side football tornament.*

517.3.15 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament sabiex fis-16 ta' Novembru, 2019 jiġu organizzati diversi attivitajiet fil-mużew tas-subien marbuta mal-Jum Dinji tat-Tfal. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi matul din l-attività s-Sur Angelo Scicluna kien ser jorganizza logħob għat-tfal, is-Sinjurina Ghislaine Bongailas kienet ser torganizza *puppet show* u *story telling* dwar il-friefet il-lejl, is-Sinjura Anna Calleja kienet ser torganizza tisjir ta' ħelu franċiż u spettaklu ta' Fonzu l-Fenek. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li waqt din l-attività jittieħdu ritratti tat-tfal mill-ajru permezz ta' *drone* jiffurmaw il-*logo* tal-Jum Dinji tat-Tfal. Il-Viċi Sindku pproponiet sabiex matul din l-attività tqassam żerriegħa sabiex it-tfal iħawwlu l-pjanti. Is-Sindku ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

517.3.16 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi l-logħob għat-tfal ma kienux ser jinvolvu ebda spejjeż għall-Kunsill. Is-Sur Scicluna talab sabiex il-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil min kien offrilu l-apparat tal-*isports* b'xejn.

517.3.17 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi l-ispettaklu ta' Fonzu l-Fenek kien ser jiswa madwar €80 u talbet sabiex il-Kunsill iħallas għax-xiri tal-ingredjenti għat-tisjir tal-ħelu.

517.3.18 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li l-ispiża relatata mal-*puppet show* u l-*story telling* dwar il-friefet il-lejl kienet tammonta għal €200.

517.3.19 Is-Sur Angelo Scicluna talab sabiex jinxtraw *tokens* biex jingħataw lil *helpers* bħala ringrazzjament tal-għajnuna tagħhom kif ukoll *tokens* sabiex jingħataw lit-tfal bħala tifkira ta' parteċipazzjoni.

517.3.20 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex it-tfal li jkunu ser jipparteċipaw jintalbu jimlew formola ta' parteċipazzjoni fejn fiha jiddikjaraw jekk ibgħatux minn xi tip t'allerġija jew intolleranza għall-ikel, kif ukoll sabiex jagħtu kunsens li jittieħdu ritratti bid-*drone* minħabba *data protection*.

517.3.21 Il-Viċi Sindku pproponiet li l-Kunsill jorganizza grupp ta' tfal sabiex jipparteċipa fl-attività tal-*young warriors*. Il-Viċi Sindku qalet li l-ħlas ta' kull parteċipant kienet tammonta għal €25 u ma kull għaxar parteċipanti kienu ser jingħataw tnejn b'xejn. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti promozzjoni lil din l-attività.

517.3.22 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien intalab jorganizza Sports Fest f'Ottubru flimkien mal-Knisja tas-Salib Imqaddes. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività flimkien mal-Knisja tas-Salib Imqaddes u li jagħti tifkira tal-okkażjoni lill-parteċipanti.

517.3.23 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta dwar il-kompetizzjoni tat-tisjir għal żmien il-Milied għall-anzjani flimkien man-neputijiet, qraba jew ħbieb tagħhom taħt it-tmintax-il sena u talab lis-Sinjura Anna Calleja sabiex tieħu ħsieb torganizza din il-kompetizzjoni. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-anzjani matul din l-attività. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u talab biex din il-kompetizzjoni tiġi organizzata mis-Sinjura Calleja kif ukoll mis-Sur Buttigieg.

517.3.24 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill talba li kien irċieva biex isir xogħol ta' tisbieħ f'Misraħ Alofju Wignacourt u jitwaħħlu żewġ bankijiet kif ukoll numru ta' *cat shelters*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħlu żewġ bankijiet u erbgħa *cat shelters* f'Misraħ Wignacourt.

517.3.25 Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħlu numru ta' *cat shelters* fiż-żona tal-Fataħ u fi Triq il-Bikri.

517.3.26 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħlu *cat shelters* fi Triq A Caligari.

517.3.27 Is-Sindku rrefera għall-arblu li twaħħal fi Triq is-Santwarju maġenb il-*bus shelter* 'Baruni' u qal illi kien talab lill-Korporazzjoni Enemalta tneħħi dan l-arblu u tikkonsidra alternattiva oħra sabiex jinxtgħel il-*bus shelter*.

517.3.28 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Joseph Buttigieg kien qed jieħu ħsieb jorganizza attività għall-anzjani bl-isem 'Nibqgħu Attivi'. Is-Sindku żied jgħid li din l-attività kienet qed tiġi organizzata fis-sala tal-Kunsill Lokali kull nhar ta' Ġimgħa.

517.3.29 Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kaptan Patrick Barbara kien qed jiddiskuti l-possibilità li ssir kampanja edukattiva favur l-ambjent billi jinġibed filmat b'mod krejattiv bil-parteċipazzjoni tal-atturi.

517.3.30 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi jekk hux ser isib post alternattiv għall-proġett tal-*bring in site* jew le. Dan peress illi l-perit tal-Kunsill kien issospenda temporanjament l-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar sakemm jinstab sit alternattiv. Is-Sindku qal illi l-proġett tal-*bring* in *site* kien twaqqaf minħabba li kien imiss eżatt mas-swar tal-Kottonera u peress illi kien qed jiġi propost proġett ta' riġenerazzjoni soċjali mill-Fondazzjoni tal-Kottonera. Is-Sur Mark Grech staqsa meta kien ser isir il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Kottonera u staqsa wkoll min kien ta l-ordni lill-perit tal-Kunsill sabiex jissospendi l-applikazzjoni. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li l-Kunsill kien iddeċieda li jwaqqaf ix-xogħlijiet u mhux li jissospendi l-applikazzjoni. Is-Sur Grech talab lis-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi lill-perit tal-Kunsill min kien tah l-ordni li jissospendi l-applikazzjoni. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob il-parir tal-perit sabiex jikkonsidra l-proġett tal-*bring in site* fi Triq Villabate. Is-Sur Joseph Buttigieg talab lill-Kunsill biex jipproċedi bil-proġett tal-*bring in site* fiż-żona tal-Fatah f'każ li l-perit ma jkunx tal-parir li dan il-proġett isir fi Triq Villabate.

517.3.31 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva sabiex isiru *live cams* fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li jsiru *live cams* fl-ex venda. Is-Sur Buttigieg qal illi ma kienx jaqbel mal-proposta tas-Sindku peress illi kienet ser tnaqqas il-privatezza tan-nies li jkunu għaddejin minn din it-triq.

517.3.32 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru *speed cameras* fi Triq Villabate fejn iż-żona Tal-Plier kif ukoll fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ma kienx jaqbel li ssir *speed camera* fi Triq Villabate u minflok talab li ssir *speed camera* fi Triq tal-Labour.

517.3.33 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir *CCTV camera* fi Triq Villabate ma' Triq San Ġużepp u jsir infurzar lokali għall-vetturi li jaqsmu *wrong way*.

517.3.34 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-1 ta' Diċembru 2019 l-ambaxxatriċi ta' Franza għal Malta l-E.T. Brigette Curmi kienet ser tiġi f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kien ser iħejji programm sabiex l-ambaxxatriċi iżżur il-Knisja, il-Mużew tas-Santwarju kif ukoll iż-żewġ każini tal-baned lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li tingħata tifkira kommemorattiva lill-Ambaxxatriċi ta' Franza għal Malta.

517.3.35 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex quddiem id-Dar Iris issir *communal reserved parking bay* għall-persuni b'diżabilità.

517.3.36 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill kwotazzjoni mibgħuta mingħand il-kumpanija *Y Limited* sabiex jieħu ħsieb il-paġna tal-midja soċjali tal-

Kunsill għall-prezz ta' €400 eskluż il-Vat. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-kumpanija *Y Limited* sabiex tieħu ħsieb il-paġna tal-midja soċjali għall-prezz ta' €400 eskluż il-Vat.

517.3.37 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex *green area* fi Triq il-Marloċċ tiġi rilokata fil-viċinanzi ta' Triq Salvu Astarita u minflok issir *traffic island* li jinkludi post ta' rikrejazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li l-esproprjazzjoni tal-art tas-sit indikat bħala *green area* fil-*local plan* ma kienx ġie ffinalizzat u li waqt laqgħa li kellu ma sid l-art, is-sid kien talab lill-Kunsill sabiex ma joġġezzjonax għal proposta tar-rilokazzjoni tal-*green area*. Is-Sur Mark Grech qal illi ma kienx isib oġġezzjoni li jsir rilokazzjoni tal-*green area* u li ssir *traffic island* fl-ispazju miftuħ fi Triq il-Marloċċ, iżda kien qed jiġi propost bdil fit-*traffic management* sabiex Triq Salvu Astarita ssir *one way*. Is-Sur Grech qal illi Triq Salvu Astarita ma setgħetx issir *one way* minħabba li ma kienx hemm alternattiva oħra minn fejn jgħaddu t-trakkijiet tad-distribuzzjoni taċ-ċilindri tal-gas peress illi t-toroq tal-madwar ma kienux wiesgħin biżżejjed. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti din il-materja fil-laqgħa li jmiss.

517.3.38 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' tisbieħ propost mill-Eċċellenza Marie Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, f' Misraħ San Nikola u nforma lill-Kunsill illi nhar it-Tnejn 28 t'Ottubru 2018 matul il-ħin ta' filgħodu kienet ser issir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Kapijiet tal-Kulleġġi Santa Margerita filwaqt li Tnejn filgħaxija kienet ser issir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-partijiet konċernati, il-baned lokali, il-mużew tal-bniet u tas-subien, kif ukoll mas-Sotto Kumitat tal-Familja, Żgħażagħ u Tfal.

517.3.39 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Maria Livori kienet ser tittermina l-impjieg tagħha. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-permess ta' *Jobsplus* biex issir sejħa għall-ingaġġ ta' Skrivan/a – Skala 15 mal-Kunsill.

517.3.40 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' skrivan/a – Skala 15 u jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjura Anna Calleja u mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas.

## 517.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

517.4.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta'

bejn l-24 ta’ Settembru 2019 u l-24 ta’ Ottubru 2019 li kienet tammonta għal €101,975.94.

517.4.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta’ Settembru 2019 li kien jammonta għal €4.07.

**517.5 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitati**

517.5.1 Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall- Familja, Żgħażagħ u Tfal. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**Nominazzjonijiet ta’ membri tas-Sotto Kumitati**

517.5.2 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sur Pierre Pisani, is-Sinjorina Maria Ellul, is-Sur Brian Farrugia, is-Sur Emren John Vella u s-Sur Marco Cassar iservu bħala membri fis-Sotto Kumitat għall-Innovazzjoni, l-Infrastruttura u l-Proġetti.

517.5.3 Il-Viċi Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sur Steve Compagno, is-Sur Keith Axiaq, is-Sur Ethelbert Duca, is-Sinjorina Alison Zammit, is-Sinjorina Adriana Zammit u s-Sur Malcolm Schembri iservu bħala membri fis-Sotto Kumitat għall-Ambjent.

517.5.4 Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjorina Rosanne Aquilina, s-Sinjorina Abigail Magro, is-Sinjorina Maraiha Grech, is-Sinjorina Rachel Bonnici, is-Sinjura Johanna Vella u s-Sur Shaun Vella iservu bħala membri fis-Sotto Kumitat għall-Qasam Soċjali u s-Saħħa (Berġa).

517.5.5 Is-Sur Angelo Scicluna talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sur Joseph Baldacchino iservi bħala membru fis-Sotto Kumitat għall-Isports.

517.5.6 Is-Sinjura Anna Calleja talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjorina Laurabelle Portelli, is-Sinjorina Rosann Grech, is-Sinjorina Rita Pulis, is-Sinjura Nathalie Schembri, is-Sinjorina Bethany Vella, is-Sur Emanuel Calleja, is-Sinjorina Daniela Pulis, is-Sinjura Anne Marie Schembri, is-Sur Simon Schembri u s-Sinjorina Bernice Mifsud iservu bħala membri fis-Sotto Kumitat għall-Familja, Żgħażagħ u Tfal.

517.5.7 ls-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjorina Julia Theuma, is-Sur Ronald Agius, is-Sinjorina Christine Meilak, is-Sinjorina Alexia Psaila u s-Sur Mario Bonello iservu bħala membri fis-Sotto Kumitat għall-Ħarsien tal-Annimali.

517.5.8 Is-Sur Joseph Buttigieg talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjura Josephine Vella, is-Sinjura Grace Scalpello, is-Sinjura Doris Dalli, is-Sinjura Catherine Calleja, is-Sinjura Consolata Bugeja u s-Sinjura Carry Dalli iservu bħala membri fis-Sotto Kumitat għall-Anzjani.

517.5.9 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-membri proposti jservu bħala membri fis-Sotto Kumitati rispettivi.

517.5.10 Fit-8.10 ta' filgħaxija s-Sinjura Angel Gwyn Louiselle Camilleri daħlet għal-laqgħa filwaqt li s-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet li tkun skużata.

**517.6 Miżura 4.3 Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali - Triq Ħas-Sajjied**

517.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għas-sejħa tal-offerti għar-*resurfacing* ta' Ħas-Sajjied (ZLC 6/2018) u għall-fondi Ewropew taħt il-Miżura 4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill preċedenti kien għażel l-aktar offerta vantaġġuża li kienet mingħand il-kumpanija *Dimbros Limited*, iżda dan tal-aħħar kien naqas milli jipprovdi l-garanzija bankarja, il-polza ta' assigurazzjoni, kif ukoll milli jiffirma l-kuntratt u għalhekk il-kuntratt kien ingħata lil *Road Maintenance Limited* li kellu l-orħos offerta wara dik mingħand *Dimbros Limited.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-aġenzija ARPA ma kinitx ser tħallas għad-differenza fiż-żieda tal-prezz peress illi l-Kunsill kien obbligat li jitlob din id-differenza lill-kumpanija *Dimbros Limited.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din id-differenza kienet tammonta għal €32,288 eskluż il-vat. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra legali sabiex il-kumpanija *Dimbros Limited* tħallas għad-differenza fiż-żieda tal-prezz kif kien stipulat fis-sejħa għall-offerti.

**517.7 Attivitajiet u tiżjin tal-Milied**

517.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ser ikun qed japplika għall-fondi tal-Ministeru għat-Turiżmu bil-għan li din is-sena jerġa' isir it-tiżjin tal-Milied fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi fi Triq is-Santwarju kien hemm il-ħsieb li tinxtgħel b'dawl dekorattiv, il-parti d-dejqa ta' Triq il-Kbira forma ta' linef filwaqt li Triq il-Kbira fil-parti bejn Triq Hompesch u Triq is-Santwarju jinxtgħel b'dawl dekorrattiv. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li t-tiżjin ta' toroq tal-Milied isir fi Triq is-Santwarju, minn Triq ix-Xgħajra sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u fi Triq il-Kbira; minn Misraħ is-Sliem sa Triq il-Kittien.

517.7.2 Is-Sindku ppropona sabiex il-Grupp tal-Armar tal-Festa jieħdu ħsieb it-tiżjin taż-żewġ siġar tal-Milied għall-prezz ta' €500 inkluż il-Vat. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li l-Grupp

Armar tal-Festa jarmaw siġra f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u oħra f'Misraħ is-Sliem għall-prezz ta' €500 inkluż il-Vat.

517.7.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa maż-żewġ każini tal-baned sabiex tiġi diskussa l-possibilità li jsir presepju tal-Milied fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi din l-ispiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €1,000 bejn iż-żewġ każini.

517.7.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa mal-UHM ġiet diskussa l-possibilità li fit-22 ta' Diċembru 2019 jiġi organizzat *Christmas Village* u jintramaw *stalls* bi prodotti relatati mal-Milied fi Triq is-Santwarju; minn Triq San Duminku sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, u fi Triq il-Kbira; minn Triq Hompesch sa Misraħ is-Sliem. Is-Sindku qal illi kellu l-ħsieb li waqt il-laqgħa maż-żewġ każini tal-baned lokali jiddiskuti wkoll il-possibilità li matul l-attività jiġi organizzat kunċert mużikali fit-triq.

**517.8 Deċiżjoni /Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019)

517.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Bord t'Evalwazzjoni tal-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019) talab ikun jaf jekk il-Kunsill kellux biżżejjed fondi sabiex jaċċetta l-orħos offerta valida. Dan peress illi wħud mill-offerti kienu ser jiġu skwalifikati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet talbet il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti peress illi fl-opinjoni tagħha id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tittieħed wara li l-Bord ta' Evalwazzjoni jikkonkludi u jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu. Is-Sur Mark Grech qal illi l-Bord t'Evalwazzjoni għandu jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu u mbagħad jiddeċiedi l-Kunsill jekk jaċċettax din ir-rakommandazzjoni jew le. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jistenna l-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

517.8.2 Fid-20.50 ta' filgħaxija l-Viċi Sindku talbet li tkun skużata.

- Ħatra ta' *contracts manager*

517.8.3 Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jitlob lill-MCAST jekk hemmx studenti li jistgħu jagħmlu xogħol ta' *contracts manager* mal-Kunsill. Is-Sur Mark Grech qal illi ma kienx jaqbel mas-suġġeriment tas-Sindku peress illi l-maġġoranza tal-istudenti tal-MCAST ikunu għadhom żgħażagħ u ma jkollomx esperjenza mal-kuntratturi.

517.8.4 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jinħatar *contracts manager* mal-Kunsill.

**517.9 Analiżi tas-safra ġewwa Furci u ffirmar ta' ġemellaġġ;**

517.9.1 Is-Sindku qal illi waqt iż-żjara f'Furci fi Sqallija flimkien ma' rappreżentanti oħra mil-Latvia, Bulgaria u Spanja, ġiet diskussa l-possibilità li l-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar jagħmel ġemellaġġ ma' Furci.

517.9.2 Is-Sindku żied jgħid li Furci wkoll tiċċelebra l-festa tal-Madonna tal-Grazzja u ġiet diskussa l-possibilità li flimkien jiġu organizzati diversi proġetti fosthom skambji ta' żgħażagħ li huma membri ta' *Zabbar* S*cout Group*, kif ukoll opportunitajiet għall-baned lokali biex jitilgħu jdoqqu barra minn Malta. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel ġemellaġġ mal-lokalità ta' Furci.

517.9.3 Is-Sur Mark Grech qal illi l-Kunsill diġa kellu ġemellaġġ ma' Villabate u ma' Eschborn.

517.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont il-proċeduri finanzjarji l-infiq relatat ma' ġemellaġġi m'għandux jaqbeż it-€3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni finanzjarja, liema minn dawn tkun l-għola.

517.9.5 Is-Sindku qal illi kien ser ikun qed japplika għall-fondi ewropej u għall-fondi lokali sabiex jiffinanzja l-ispejjeż relatati mal-ġemellaġġi.

517.9.6 Is-Sur Mark Grech staqsa x'kien ser jiġri f'każ li l-Kunsill ma jirnexxilux jibbenefika minn dawn il-fondi. Is-Sindku qal illi f'dak il-każ il-Kunsill jidħol bħala *partner* mal-pajjiżi l-oħra.

517.9.7 Is-Sur Mark Grech staqsa min kien ser jieħu ħsieb jimla l-applikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja peress illi l-Kunsill kellu nuqqas ta' mpjegati. Is-Sindku qal illi kien ser ikun hu li ser jieħu ħsieb il-proċess tal-applikazzjoni.

517.9.8 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jibqgħu għaddejjin bil-laqgħa minkejja li kienu saru kważi d-disgħa ta' filgħaxija u kienu waslu biex jaqbżu t-tlett siegħat.

517.9.9 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-*policy* dwar il-proċedura ta' ġemellaġġi u spjegat li qabel ma' Kunsill Lokali jibda l-proċess għal xi ġemellaġġ, dan għandu jissottometti rapport bil-miktlub lid-Direttur għall-Gvern Lokali u lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u jinkludi, fost oħrajn, ir-raġunijet u l-għanijiet tal-ġemellaġġ propost, rendikont tan-nefqa relatata mal-ġemellaġġ propost li jkopri l-attivitajiet kollha relatati mal-iffirmar tal-ftehim, l-isem tal-Kunsillier inkarigat mill-proċess tal-ġemellaġġ, dikjarazzjoni mingħand is-Segretarju Eżekuttiv li dan ir-rapport ġie diskuss u approvat mill-Kunsill u *Twinning Work Plan* fejn juri r-riżultati u l-benefiċċji mistennija.

517.9.10 Fuq proposta tas-Sur Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li tinġieb rendikont tan-nefqa proposta relatata mal-ġemellaġġ f'Furċi.

**517.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

517.10.1 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fil-21 ta' Novembru 2019 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

517.10.2 Is-Sur Mark Grech qal illi s-Sindku ta' Eschborn, is-Sur Mathias Geiger, kien tilef is-Sindakat u minfloku kien leħaq is-Sur Adnan Shaikh. Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jibgħat lis-Sur Adnan Shaikh jifraħlu għas-suċċess tiegħu. Is-Sindku qal illi diġa kien bagħat l-awguri.

517.10.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill jiddiskuti t-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri fil-bidu tal-laqgħa.

**517.11 Mozzjonijiet**

517.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**517.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

517.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

517.12.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-519 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru, 2019.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku